



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 202/24

Il-Lussemburgu, 19 ta' Diċembru 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-295/23 | Halmer Rechtsanwaltsgesellschaft

Is-sehem ta' investituri purament finanzjarji f'kumpannija ta' avukati jista' jiġi pprojbit

Tali projbizzjoni hija ġġustifikata sabiex tiġi ggarantita l-indipendenza tal-avukati

Stat Membru jista' jipprojbixxi s-sehem ta' investituri purament finanzjarji fil-kapital ta' kumpannija ta' avukati. Tali restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment u għall-moviment liberu tal-kapital hija ġġustifikata mill-għan li jiġi ggarantit li l-avukati jkunu jistgħu jeżerċitaw il-professjoni tagħhom b'mod indipendenti u b'osservanza tal-obbligi professjonali u etiċi tagħhom.

Il-kumpannija ta' avukati Ġermaniża Halmer Rechtsanwaltsgesellschaft qed tikkontesta quddiem il-Bord Dixxiplinari tal-Avukati ta' Bayern (il-Ġermanja) deċiżjoni tal-Kamra tal-Avukati ta' München tad-9 ta' Novembru 2021 li neħħietha mir-reġistru tal-avukati minħabba l-fatt li kumpannija b'responsabbiltà limitata Awstrijaka akkwistat ishma¹ għal finijiet purament finanzjarji. Fil-fatt, skont il-leġiżlazzjoni Ġermaniża applikabbli f'dak iż-żmien, l-avukati kif ukoll il-membri ta' ċerti professjonijiet liberali biss setgħu jsiru soċji f'kumpannija ta' avukati².

Il-Bord Dixxiplinari tal-Avukati ta' Bayern staqsa lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà ta' din il-leġiżlazzjoni mad-dritt tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi li **d-dritt tal-Unjoni** u, iktar preċiżament, il-moviment liberu tal-kapital u d-Direttiva dwar is-Servizzi³, li tagħti effett lil-libertà ta' stabbiliment, **ma jipprekludux** leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi biss li l-ishma ta' kumpannija tal-avukati jiġu trasferiti lil investitur purament finanzjarju⁴ u li tipprevedi, fil-każ ta' ksur ta' din il-leġiżlazzjoni, it-tneħħija tal-kumpannija tal-avukati mir-reġistru tal-avukati.

Din ir-restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment u għall-moviment liberu tal-kapital hija ġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali. Fil-fatt, Stat Membru huwa intitolat li jqis li avukat ma jkunx jista' jeżerċita l-professjoni tiegħu b'mod indipendenti u fl-osservanza tal-obbligi professjonali u etiċi tiegħu kieku kien jaġħmel parti minn kumpannija li fiha ċerti soċji tagħha huma persuni li jaġixxu esklużivament bħala investituri purament finanzjarji, mingħajr ma jipprattikaw il-professjoni ta' avukat jew professjoni oħra suġġetta għal regoli paragonabbli. Tali restrizzjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan li għandu jintlaħaq.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, jekk ikun il-każ, is-sunt](#) jinsabu fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ B'mod iktar preċiż 51 minn 100 sehem.

² Permezz ta' emenda tar-Regolament Federali dwar l-Istatut tal-Avukati li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2022, din il-possibbiltà ġiet estiża għal membri ta' professjonijiet liberali oħra.

³ [Direttiva 2006/123/KE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern.

⁴ Li ma għandux ħsieb li jeżerċita ċerta attività professjonali fi ħdan din il-kumpannija.